**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Kump 108/2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs.**

**Kevin Attard**

Illum it-12 ta' Ottubru 2021

Il Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Kevin Attard iben Emanuel u Lourdes nee' Caruana, imwieled il-Pieta', nhar it-28 ta' Gunju 1976, resident 31, Triq Gafa', Hamrun, detentur tal-karta tal-identita' 310676M

Akkuzat talli nhar it-3 ta' Marzu 2020, bejn l-ghaxra u l-hdax ta' filghodu (10.00hrs – 11.00hrs) fil-Belt Valletta u/jew f'inhawi ohra f'dawn il-gzejjer;

1. Talli ikkaguna feriti ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' Brian Psaila hekk kif iccertifikat minn Dr. Olaf Woods M.D. med reg 3860 mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

**3.** U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kkommetta reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, hekk kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell nhar l-10 ta' Mejju 2019 liema sentenza hija assoluta u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' Brian Psaila bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *et sequitur*.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba illi f`kaz ta` htija, tikkundanna lil akkuzat ihallas l-ispejjes kollha li ghandhom x`jaqsmu ma l-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri, f`dak iz-zmien u f`dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni skond l-artikolu 533 tal-kap 9 tal-ligijiet ta` Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar is-26 ta' Frar 2020 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jinstab hati u cioe[2]:

a. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 214 u 216 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 28B tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

e. Fl-artikoli 383, 384, 385 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta datata 4 ta' Marzu 2021, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat separatament jekk kellux oggezzjoni li 1-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li 1-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u il-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u ddecidiet li tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

---

[1] Folio 5 ta' l-atti processwali
[2] Folio 78 ta' l-atti processwali
[3] Folio 79 ta' l-atti processwali

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar il-4 ta' Marzu 2021.[4]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar il-4 ta' Marzu 2021.[5]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza u semghet lill-partijiet jitrattaw.

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2021.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Illi dan il-kaz imur lura ghar-rigward incident li kien sehh nhar it-3 ta' Marzu 2020 ghall-habta tal-10.30 ta' filghodu meta l-imputat u l-parte civile, certu Brian Psaila kienu hergin mill-Qorti u l-imputat ta daqqa ta' ponn lil Brian Psaila f'xuftejh.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

[4] Folio 79 ta' l-atti processwali
[5] Folio 79 ta' l-atti processwali

Fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2020 xehed **il-parte civile Brian Psaila**. Huwa spjega li dakinhar li sehh l-incident ghall-habta tad-09:30hrs, huwa kien il-Qorti minhabba li ohtu kella kawza u kien tela' maghha. Dakinhar stess kellu kawza ohra fil-11:30hrs u allura, kien ftiehem li jaghmel xi qadi mal-mara fil-frattemp. Gara li l-ewwel kawza baqghet ma saritx minhabba li l-avukat tan-naha l-ohra ma deherx. Ghalhekk, il-parte civile hareg barra mill-awla biex icempel lill-mara u jinformaha li kien ser idum. Dak il-hin fegg l-avukat t'ohtu Dr Karl Micallef u ra ukoll lil Dr Shaun Zammit, li kien qed jidher ghall-imputat f'kawza civili. Il-parte civile spjega li ghalkemm kien qed jidher ghan-naha l-ohra, huwa jaf lil Dr Zammit minhabba li kien kollega tieghu fl-Air Malta fil-passat u habib tal-familja. Dak il-hin huwa tkellem ma Dr Zammit fuq is-sitwazzjoni tal-Air Malta u fuq affarijiet personali minghajr ma ssemmiet il-kawza. Saret il-kawza b'mod regolari u giet differita ghal-gurnata ohra. Barra l-awla, Dr Micallef beda jispjega lill-parte civile u ohtu dwar il-kawza filwaqt li Dr Zammit kien qed ikellem lill-imputat u l-mara tieghu. F'daqqa wahda, l-imputat u martu daru fuq il-parte civile u bdew jghidulhom li kienu miftehmin mal-avukat taghhom u baqghu hergin mill-bini tal-Qorti wara xulxin. Skont il-parte civile, hekk kif qabdu t-tarag tal-Qorti, l-imputat qabadlu idu biex dawwru lejh u fajjarlu daqqa ta' ponn f'wiccu bl-id l-ohra. Wara dan, il-parte civile rega' dahal il-Qorti sabiex jistkenn mill-imputat u kien hemmek li kellmu l-Pulizija tal-Qorti. Il-parte civile mar ic-centru tas-sahha tal-Furjana fejn kienu sarulu xi punti minhabba li kienet iccarete ix-xoffa man-nejba tieghu stess.

Fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2020 xehed **l-Ispettur Jeffrey Scicluna**, stazzjonat l-Ghassa tal-Belt Valletta. Nhar it-3 ta' Marzu 2020 gie nfurmat minn PS 6 Duncan Demicoli li vicin il-bieb ta' barra tal-Qorti kien ghadu kemm inqala' argument, bejn certu Kevin Attard u Brian Psaila, fejn, Brian Psaila kien sofra

xi griehi. Wara li kien irrizulta li Psaila kien qed isofri minn griehi gravi, ix-xhud kien ordna l-arrest tal-imputat. Qabel ma ttiehdet l-istqarrija tieghu, ix-xhud kien ghazel li jikkonsulta ma Dr Edward Gatt u fl-istqarrija huwa ma kien wiegeb ghal xejn u lanqas kien iffirmaha. L-imputat kien tressaq il-Qorti taht arrest l-ghada, l-4 ta' Marzu 2020.

Fl-istes seduta xehed **PC 1531 Ivan Caruana**, ukoll stazzjonat fl-Ghassa tal-Belt Valletta, li kkonferma li huwa kien prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija tal-imputat. Ikkonferma li kienu inghataw is-soliti twissijiet.

Fis-seduta tal- 15 ta' Ottubru 2020 xehed **PS6 Duncan Demicoli**, stazzjonat fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Spjega li nhat it-3 ta' Marzu 2020 huwa kien xoghol il-Qorti fejn ghall-habta tal-10:30hrs kien mar fuqu il-parte civile li kien jidher li kellu xofftu mdemmija u sahansitra d-demm nieżel fuq il-qmis. Dan kien stqarr li qala' daqqa ta' ponn. Ix-xhud spjega kif mad-daqqa t'ghajn, il-ferita kienet tidher fonda madwar centimetru u wiesa ukoll centimetru. Ix-xhud kien skorta lill-parte civile u lil ohtu l-Ghassa sabiex isir ir-rapport. Aktar tard dakinhar, il-parte civile kien ipprezenta certifikat mediku li jghid li kien qed isofri minn griehi gravi. Wara li inghata struzzjonijiet mill-Ispettur Scicluna, ix-xhud mar il-Hamrun sabiex jarresta lill-imputat.

Fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2020 xehed **it-Tabib Dr Olaf Woods**, adett fic-centru tas-sahha tal-Furjana. B'referenza ghac-certifikat ezebit a fol. 14, ix-xhud ikkonferma illi fit-3 ta' Marzu 2020 ghall-habta tal-11:00hrs, huwa kien qed jahdem fic-centru tas-sahha tal-Furjana u kien invista lill-parte civile Brian Psaila. Dan kellu laċerazjoni fin-naħa tax-xellug tax-xoffa t'isfel ta' daqs ta'

madwar centimetru. Fuq gewwa kellu lacerazzjoni ta' madwar 1.7 centimetru. Kien hemm bzonn zewg punti fuq barra u tlett punti fuq gewwa. Kien iccertifika l-griehi bhala gravi minhabba li l-qasma kienet fil-wicc u kienet tirrikjedi l-punti. In kontro-ezami, stqarr li minn naha tieghu, ma kienx rega' invista lill-parte civile.

Fl-istess seduta xehdet **Maria Dolores Fenech**, Assistent Registratur Qrati Kriminali, li ezebiet sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-10 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Lara Butters) vs Kevin Attard*.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija ta' l-imputat**

Illi l-istqarrija ta' l-imputat Kevin Attard ittiehdet nhar it-3 ta' Marzu 2020 gewwa l-ufficju ta' l-Ispettur Jeffrey Scicluna wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghata d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni. Illi fil-fatt l-imputat ghazel li jezercita dan id-dritt u ikkonsulta ma' l-avukat Dr. Edward Gatt u minn jeddu ghazel ukoll li dan ma jkunx prezenti waqt li kien qed jirrilaxxa din l-istqarrija.[6]

L-istqarrija ta' l-imputat ittiehdet dak in-nhar stess ta' l-incident fil-prezenza ta' l-Ispettur Jeffrey Scicluna u PC 1531 Ivan Caruana. L-imputat ghazel li ma jiffirmax kull pagna ta' l-istqarrija.

Illi fl-istqarrija l-imputat ghazel li ma iwegibx ghad-domandi li sarulu pertinenti ghall-kaz.

[6] Dok A, Folio 6 minn wara u quddiem ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

Illi l-Avukat Generali fir-rinviju ghall-guddizju jindika primarjament l-artikolu 214 u 216 bhala dawk l-artikoli li bihom l-imputat ghandu jinstab hati.

L-artikoli 214 tal-Kodici Kriminali jghid:

*214. Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.*

L-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali jistqarr:

*(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin –*

*(a) jekk tista' ġġib periklu –*

*(i) tal-ħajja; jew*

*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*

*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*

*(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għaltletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien,iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*

*(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabeliż-żmien.*

*(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matulil-marda, f'periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzimsemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġibdak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbliminħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża.*

Illi fl-artikoli ta' l-Avukat Generali ma hemmx indikazzjoni specifika ta' liema subartikolu fl-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali qieghed jindika li biha ghandu jistab hati l-imputat. Dan ipoggi lill-Qorti f'sitwazzjoni li trid tkun *hi* li tiddeduci l-hsieb tal-prosekuzzjoni u ta' liema kwalifika ta' reat gravi ghandu jinsab hati l-imputat. Illi dan iservi biss biex johloq incertezza fuq il-kaz tal-prosekuzzjoni u jpoggi fid-dubju l-intenzjoni tal-prosekuzzjoni.

Filwaqt li fil-fehma ta' din il-Qorti ma ggibx ebda nullita ta' procedura, il-Qorti tqis li huwa fid-dmir ta' l-Avukat Generali li f'dawn ic-cirkostanzi jippreciza l-imputazzjonijiet meta jinhargu l-artikolu ghal-gudizzju.

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel u t-tieni imputazzjoni**

Il-prosekuzzjoni esebiet certifikat mediku mharug nhar it-3 ta' Marzu 2020 fil-11.30 ta' filghodu mic-centru tas-Sahha gewwa l-Floriana mit-tabib Dr. Olaf Woods MD, Med Reg: 3860.[7]

Illi dan ic-certifikat huwa hareg fil-konfront ta' Brian Psaila u jikkonstata l-griehi bhala gravi. Fic-certifikat hemm indikat lacerazzjoni fuq ix-xoffa ta' isfel kemm fuq barra, kif ukoll fuq gewwa, liema lacerazzjonijiet kienu jirrikjedu punti.

Dan i-certifikat gie sussegwentement ikkonfermat mit-tabib stess meta xehed viva voce quddiem il-Qorti.[8]

[7] Dok D, Folio 14 ta' l-atti processwali

Mix-xhieda tal-vittma Brian Psaila irrizulta li dak in-nhar ta' l-incident kien attenda l-Qorti ma' ohtu fir-rigward kawza li ohtu kellha kontra l-imputat. Waqt li kien barra l-Qorti jitkellem ma l-avukat tieghu inqala argument fis-sens li l-imputat beda jallega li l-parte civile kien qed jiddiskuti l-kawza ta' l-imputat ma' l-avukat tieghu stess u jifthemu affarijiet bejniethom.

Ix-xhud kompla.

*"Xhud … kif hrigna mill-bieb tal-Qorti, forsi nzilna l-ewwel zewg targiet, dawwarli idi hekk, ghax jien kont sejjer naha, u hu n-naha l-ohra, qabadli idi hekk, u tani daqqa ta' ponn. Lanqas kont naf x'qed jigri dak il-hin.*

*Spettur: Kif? Dawwarlek?*

*Xhud: Le, dawwarli naqra idi hekk. Tkun aljenat u qisu jdawrek hekk. Bqajt inhares lejh, ghax jiena.*

*Qorti: Laqtek, jew ghamilha*

*Xhud: Le, nahseb b'intenzjoni ghamilha. Warajja, kien hemm ohti hierga, dar, u tani daqqa ta, meta dort, jien gejt inhares lejh, tani daqqa ta' ponn.*

*Qorti: Fejn laqtek?*

*Xhud: Hawn hekk, go halqi. Ifhimni, jien ma kontx qed, lanqas harist lejh, heq, ma nafx, jien hassejt daqqa, speci dort, u dhalt ergajt, lura l-Qorti."*[9]

Ix-xhud spjega li eventwalment zviluppalhu infezzjoni bhala rizultat tad-daqqa.[10]

Mix-xhieda ta' PS6 Duncan Demicoli[11] irrizulta li dak in-nhar kien qieghed stazzjonat barra l-Qorti bhala gwardjan tas-Sigurta. Illi f'hin minnhom il-

---

[8] Folio 59-62 ta' l-atti processwali
[9] Folio 32 ta' l-atti processwali
[10] Folio 33 ta' l-atti processwali
[11] Folio 51-55 ta' l-atti processwali

vittma mar fuqu u seta jaralu li kellu *"xuftejh imdemma, kellu demm niezel fuq il-qmis u niezel sahansitra mal-art tal-Qorti u meta staqsejtu x'garalu, qalli: "Kien hawn wiehed u tani daqqa ta' ponn." Emm fil-fatt jiena stajt ninnota l-lacerazzjoni emm taht xofftu fuq in-naha tax-xellug. Kienet tidher fonda xi one centimetre u wiesgha one centimetre wkoll emm u minn hemmhekk eskortajt lilu u lil, lil ohtu Pauline emm l-Ghassa tal-Belt sabiex isir ir-rapport."*[12]

Illi dawn il-fatti u l-mod ta' kif graw gew ikkonfermati mix-xhieda ta' l-Ispettur Jeffrey Scicluna.[13]

Illi minn ezami tal-assjem tal-provi kif migbura u mressqa din il-Qorti tqis li l-verzjoni moghtija mill-parte civile hija, fil-preponderanza tal-provi prodotti, hija verosimili u konsegwentement il-Qorti ihossha moralment konvinta li l-prosekuzzjoni u l-kwerelant rnexxilhom jipprovaw il-kaz taghhom sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u sejra taghddi sabiex issib htija dwarhom.

**Ikkunsidrat**

**It-tielet imputazzjoni**

Il-prosekuzzjoni esebit sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-konfront ta' l-imputat nhar l-10 ta' Marzu 2019 li giet ikkonfermata bil-gurament nhar l-10 ta' Mejju 2020.[14]

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza originali ta' prigunerija ta' hames xhur li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghal zmien sena, kif ukoll gie ikkundannat multa ta' elfejn Euro (€2,000).[15]

[12] Folio 51-52 ta' l-atti processwali
[13] Folio 41-43 ta' l-atti processwali
[14] Dok MF1, Folio 67-70 ta' l-atti processwali
[15] Folio 68 ta' l-atti processwali

Illi minn ezami tas-sentenza jirrizulta li dan ir-reat sehh entro t-termini taz-zmien tas-sospensjoni u ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi sabiex issib htija fir-rigward it-tielet imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat.[16] Illi mil-fedina penali jirrizulta li fil-passat gew registrati sentenzi kontra l-imputat rigward reati fuq il-persuna, bl-iktar wahda recenti fis-sena 2018.
- Illi irrizulta li l-imputat kiser it-terminu ta' sentenza sospiza moghtija lilu u b'hekk jirrizulta li l-imputat qatt ma ha din is-sentenza b'serjeta u aprezza l-konsegwenzi serji taghha u l-importanza li jsegwiha b'mod rett u rigoruz.
- Illi dan l-incident seta' facilment gie evitat li kieku l-imputat zamm postu u kkontrolla l-imgieba tieghu.
- Il-Qorti ma tistax ma tiddeplorax l-fatt li dan ir-reat sar fuq l-ghatba tal-Qorti, liema post jezigi li jinghatalu l-akbar rispett.
-

**Decide**

Ghaldaqstant Illi l-Qorti wara li rat l-artikoli 216(1)(b), 338(dd), 17, 31, 533, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Kevin Attard **hati** ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh.

[16] Dok B, Folio 7-9 minn wara u quddiem

Fir-rigward l-ewwel u t-tieni imputazzjoni tikkundannah piena ta' sena prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal zmien tliet (3) snin millum.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni l-Qorti tinnota li l-perjodu ta' sospensjoni tas-sentenza deciza finalment mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Mejju 2019, illum skada. Ir-reat mertu ta' dawn il-proceduri sehh lejn l-ahhar ta' dak il-perjodu operattiv, ossija f'Marzu 2020. Il-Qorti tinnota li l-fatti li kienu jikkoncernaw is-sentenza tal-10 ta' Mejju 2019, ukoll ghandhom x'jaqsmu mal-karattru impulsiv u/jew aggressiv tal-imputat. Madankollu, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali tqis li din is-sentenza tallum ghandha tinghata lill-imputat bhala cans ahhari sabiex jirriforma u jirriabilita l-karattru tieghu sabiex ma jergax jippermetti l-impulsi tieghu jwasslu f'ksur ta' ligi bhal ma hi l-kawza tallum. Ghalhekk, din il-Qorti sejra, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28B (2) (a), tastjeni milli taghmel ordni bis-sahha tal-artikolu 28B (1) u dan ukoll fid-dawl li l-perjodu operattiv tas-sentenza tal-10 ta' Mejju 2019, illum skada.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta` pubblika, tqiegħed lill-ħati Kevin Attard taħt obbligazzjoni tieghu personali għal perjodu ta` sena taħt penali ta` elf ewro (€1,000).

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Deciza illum nhar it-12 ta' Ottubru 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja Valletta, Malta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorriane Spiteri**

**Deputat Registratur**